# Il-Qniepen

Aħna ngħidu li l-banda ddoqq u anke l-qniepen idoqqu. Il-banda jew l-orkestra u l-qniepen huma lkoll strumenti ta' daqq, imma hu wisq iżjed ħafif titgħallem iddoqq qanpiena, għax dan isir bla tant bżonn ta' teorija u eżerċizzju, milli xi strument tal-korda jew tan-nifs li jkunu jeħtieġu tant studju ta' teorija u ta' pratika.



Fid-dinja jinsabu tant xorta ta' qniepen, differenti fil-qies u fl-armonija u li xi wħud minnhom għandhom fama dinjija. Ħafna huma l-funderiji li jinsabu fid-dinja u li tant minnhom huma magħrufa u mfaħħra ħafna . Anke f'Malta kellna xi funderiji u forsi għad hemm ukoll illum; jidher ukoll li kien hemm xi waħda f'Għawdex, għax kif jingħad, xi qniepen kienu maħduma f' Għawdex u kienu magħmula minn xi kanuni tal-bronż li kienu f'xi fortifikazzjonijiet f'Għawdex.

Hemm leġġenda li tgħid li kien ix-xitan li vvinta l-qanpiena u vvintaha biex inaqqas mit-talb. Qabel ma ddendlu l-qniepen fil-knejjes, id-devoti kienu jmorru kmieni għat-talb u għall-funzjonijiet, u għalhekk kien ikollhom ħin twil għat-talb, imma meta mbagħad bdew jindaqqu l-moti għas-sevizzi reliġjużi, in-nies bdew imorru l- knisja f'ħinijiet fissi u għalhekk tnaqqas ħafna l-ħin tat-talb u b'hekk ix-xitan irnexxielu jnaqqas it-talb. L-użu tal-qniepen daħal fil-knejjes bħala strument li jsejjaħ il-fidili għal-liturġija, ħaġa li kienet ġa' magħrufa fost il-pagani u l-użu tagħhom kien ukoll ġa magħruf fil-katakombi. Fis-seklu sitta l-użu tal-qniepen kien ġa daħal sew fil-monasteri u fil-knejjes u l-Papa Stiefnu II kien irregala tliet qniepen lill-bażilka Vatikana. Għall bidu il-kies tagħhom kien dak ta' qniepen żgħar, imma malajr inbidel f'wieħed kbir tant li fis-seklu ħmistax il-qanpiena Mater gloriosa tal-katidral ta' Erfurt fil-Ġermanja kienet tiżien 13 il tunnellata u l-qniepen kienu jiġu ddekorati b'iskrizzjonijiet u figuri sagri. Il-Knisja daħlet l-użu li tbierek dawk il-kniepen magħmulha għas-servizzi liturġiċi .

Dawn il-qniepen idoqqulna moti ta' ferħ fil-festi u wkoll tokki ta' niket biex nitolbu għall-mejtin. Minnhom nisimgħu ħierġin daqq għall-adorazzjoni, għall-quddies u għall-ħin ta' l-Angelus, allura fit-tmienja, f'nofsinhar u fl-Ave Marija, biex ifakkruna fl-Inkarnazzjoni tal-Verb magħmul Bniedem u kull nhar ta'Ġimgħa fit-tlieta biex ifakkruna fil-mewt tal-Mulej Ġesu, nhar ta' Ħamis wara t-tokki ta' l Ave Marija, b'mota solenni jfakkruna fit-twaqqif ta'l-Ewkaristija mqaddsa. Kulljum imbagħad tard filgħaxija jindaqqu wkoll xi noti biex niftakru f'ħutna l-mejtin kollha. U sew li nżommu sħiħa dawn id-drawwiet għeżież u b'hekk is-sens tat-talb jibqa' sħiħ fina.

*D.K.C.*

